MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## VINCENT GALEA

Seduta tas-7 ta' April, 2014

Talba Numru. 398/2013

Marletta **Enterprises Limited [C-36827]**

**Vs**

**Dr. Nigel Aquilina**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-2 ta' Lulju, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett mija tlieta u sebghin euro u erbgha u sittin ċenteżmi ta' euro [€373.64] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Billi s-socjeta rikorrenti tipprovdi servizzi ta' testijiet u installazzjoni ta' apparat mediku.
>
> U billi s-socjeta rikorrenti pprovdiet diversi testijiet u apparat mediku u nkorriet diversi spejjez b'inkarigu tal-intimat fil-klinika San Guzepp.

U billi l-ammont dovut mill-intimat lis-socjeta rikorrenti ghal dawn it-testijiet u apparat mediku u nkorriet diversi spejjez b'inkarigu tal-intimat fil-klinika San Guzepp.

U billi l-ammont dovut mill-intimat lis-socjeta rikorrenti ghal dawn it-testijiet u apparat mediku u spejjez inkorsi huwa fl-ammont ta' tlett mija tlieta u sebghin ewro u erbgha u sittin ċenteżmu (€373.64c).

U billi l-intimat minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont dovut lis-socjeta rikorrenti kif hawn fuq spjegat baqa inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jiddikjara illi s-socjeta rikorrenti pprovdiet testijiet u apparat mediku u nkorriet diversi spejjez b'inkarigu tal-intimat fil-klinika San Guzepp.

2. Jiddikjara li l-hlas bilanċjali dovut lis-socjeta rikorrenti mill-intimat ghal dawn it-testijiet u apparat mediku u spejjez jammonta ghal tlett mija tlieta u sebghin ewro u erbgha u sittin ċenteżmu (€373.64c);

3. Jikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett mija tlieta u sebghin ewro u erbgha u sittin ċenteżmu (€373.64c).

   Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt in subizzjoni, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali intavolata ai termini tal-166A tal-Kap 12, datata 31 ta' Jannar 2013, ghal liema l-intimat ippreżenta risposta, u bl-imghaxijiet ".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fil-11 ta' Settembru, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "Jiena dentist u iffirmajt kuntratt biex nibda nopera il-klinika dentali tal-Klinika San Guzepp fin-Naxxar. Il-kera tieghi b'diet f'Jannar 2012 (Doc. G). Peress li s-sidien tal-Klinika San Guzepp, VDS Ltd ma kienux mithla tal-apparat dentali hallew f'idejja biex nara x'kien l-ahjar u gbart stimi minn diversi aġenti. Ntazel l-apparat ta' Marletta Enterprises u sar ftehim bil-miktub fuq prezz ghal apparat kif ukoll xoghol ta' trasport, testijiet, installazzjoni etc (Dok. J). Dawn kollha gew ikkontjati fuq VDS Ltd u jien qatt ma ġejt ippreżentat ebda 'job sheet' jew f'ebda mument iffirmajt xi karti ippreżentati minn Marletta Enterprises.
>
> Is-sidien ta' VDS Ltd assigurawni li kollox gie mhallas, u ghalhekk huwa ferm irregolari li Marletta Enterprises jippretendi hlas fuq xoghol li gia thallas.
>
> Wara li bdejt nahdem f'din il-klinika, iżda qabel ma kien hemm din it-tilwima, jien ordnajt testijiet fuq sterilizer li ma kienx mixtri minn Marletta Ent. Dan ix-xoghol jidher fl-invoice 006395 (datat 30/1/2012) li ippreżenta Marletta bhala Dok. D ghal valur ta' €70.44. Qabel ma ġejt ippreżentat b'dan il-kont ta' €70.44, nqalat it-tilwima fuq it-talbiet l-ohra ta' Marletta u minnufih Marletta waqaf jirrispetta l-garanzija fuq l-apparat mixtri minn VDS Ltd.
>
> VDS Ltd ma xtaqux jidhlu qorti u kaġun ta' dan kollu, jien kelli nbati spejjez żejda ghax kelli ndahhal tekniċi ohrajn biex issewu l-apparat ġdid (suppost bil-garanzija) mixtri minn Marletta (Dok. H, Dok. I.
>
> Jien qatt ma rifjutajt li nhallas is-somma ta' €70.44. Jien tlabt lill Michael Marletta biex jieqaf b'dan l-agir xejn professjonali u jiġi isewwi l-problemi li kien hemm fl-apparat mixtri minn ghandu u kont lest nhallas fil-pront. Izda Michael Marletta ried jiehu vantaġġ mill-fatt li VDS Ltd ma xtaqux jidhlu f'litigazzjoni u jrid jiġbor flus minghajr ma johrog spejjez biex jirranġa l-problemi li hemm fl-apparat, u ghalhekk ghazel din it-triq.

> Din hija t-tieni azzjoni legali kontrija. Kelli gia nbati spejjez legali f'Mejju ta' din is-sena. Dan jghodd ukoll ma l-ispejjez li qed inbati fuq l-apparat li suppost ghadu bil-garanzija".

Ra l-ahhar verbal tas-7 ta' Frar, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas minghand l-intimat tas-somma ta' €373.64c liema ammont jirrappreżenta diversi testijiet u apparat mediku u spejjez ohra maghmula fuq inkarigu ta' l-intimat. Da parti tieghu, l-intimat qal li l-apparat dentali li nxtara kien inxtara minn VDS Limited u li hu ma kellhu x'jaqsam xejn max-xiri ta' dan l-apparat. Zied ighid li huwa kien ordna testijiet minghand is-socjeta rikorrenti fuq *sterilizer* li ma kienx mixtri minghand is-socjeta rikorrenti. Il-hlas ghal dawn it-testijiet kien jammonta ghal €70.44 u huwa qatt ma cahad li kellhu jhallas dan l-ammont. Qal ukoll li huwa kellhu jinkariga nies tekniċi sabiex isewwu l-apparat li kien inxtara minghand is-socjeta rikorrenti li kien ghadu taht garanzija.

Ikkunsidra;

2. **Michael Marletta**, xehed u qal li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti f'dawn il-proceduri u cioe l-ammont ta' €373.64c ghadhom dovuti mill-intimat. Ix-xhud qal li hemm tlett fatturi pendenti u li ghandhom jithallsu mill-intimat. Dawn huma:

i) <u>Fattura bin-numru 6403</u> (fol. 21) li ġġib id-data tat-30 ta' Jannar, 2012. Ix-xhud qal li s-socjeta rikorrenti kienet wettqet Quality Assurance Test fuq X-Ray Machine li hija proprjetà ta' l-intimat. L-ammont dovut fuq din il-fattura huwa ta' €110. Il-*job sheet* ta' din il-fattura hija dik li hemm esebita a fol. 19 tal-process.

ii) <u>Fattura bin-numru 6253</u> (fol. 15) li ġġib id-data tat-3 ta' Jannar, 2012. Ix-xhud qal li l-intimat ma jridx ihallas ghal din il-fattura peress li skond hu *"... ahna kellna ftehim li kellna ngorrulu ahna l-affarijiet lejn il-clinic il-gdida tieghu"* (fol. 41). Ikompli jghid li *"... l-ftehim kellu jkun illi t-technician tal-intimat kellu jżarma l-istess affarijiet u jġorrhom hu ghal clinic tal-intimat ġewwa n-Naxxar"* (fol. 41). Gara li t-*technician* inkarigat mill-intimat ma ghamilx dan ix-xoghol u ghalhekk l-istess intimat ippretenda li s-socjeta rikorrenti taghmel hi dan ix-xoghol. Peress li l-ghada tal-Milied l-intimat kellhu xi nies fil-*clinic* is-socjeta rikorrenti hadet hsieb li taghmel dan ix-xoghol bl-intendiment li hija tithallas ghal dak li ghamlet. L-ammont dovut fuq din il-fattura huwa ta' €187. Il-*job sheet* ta' din il-fattura hija dik li hemm esebita a fol. 13 tal-process.

iii) <u>Fattura bin-numru 6395</u> (fol. 18). Dwar din il-fattura li hija datata 30 ta' Jannar, 2012 fl-ammont ta' €70.44 ma hemmx kontestazzjoni u l-intimat stqarr fir-risposta tieghu li huwa kien dispost li jhallas ghaliha.

Ix-xhud gie mitlub jispjega kif is-socjeta rikorrenti qed tinsisti li s-siggu tad-dentist huwa tal-intimat u mhux tas-socjeta VDS Limited. Huwa qal li "... *l-intimat kien ghaddej fi proċeduri ta' firda minn ma' martu fiz-zmien li nxtara dan is-siggu u kien sar qbil mal-VDS sabiex dan is-siggu jinxtara minnhom u ghalhekk fuq il-fattura jidher isem VDS*" (fol. 41). Kien l-intimat stess, kompla jghid ix-xhud, li talab lis-socjeta rikorrenti tohrog s-*sales order* (fol. 30) fuq is-socjeta VDS Limited.

Muri d-dokument "J" a fol. 30 tal-process u moqri l-kliem "*free x ray transfer installation and QA test*" ix-xhud qal li "*... dan huwa żball ġenwin da parti tas-segretarja tieghi*" (fol. 62). Ix-xhud kien qieghed jirreferi ghal *Quality*

*Assurance Test*. Is-socjeta rikorrenti riedet iżżomm il-flus ghal dan it-*test* kif fil-fatt ghamlet meta harget il-fattura bin-numru 6403 (fol. 21).

Ix-xhud esebixxa ukoll *e-mail* datata 16 ta' Mejju, 2012 mibghuta mill-intimat lilu, fejn l-istess intimat kien qal li b'referenza ghall-"*pending statement of accounts there is no issue regarding invoice 6399 and 6403, but invoice 6253 cannot be accepted*" (fol. 44) Ghar-rigward tal-fattura imsemmija mill-intimat fl-*e-mail* mibghuta lilu u cioe dik bin-numru 6399, ix-xhud qal li huwa jifhem li l-intimat ried jghid 6395.

B'referenza ghal-problemi li kien hemm fis-siggu mixtri minghand is-socjeta rikorrenti, x-xhud qal li l-affarijiet li kellhom jitranġaw f'dan is-siggu trangaw u li "*... l-affarijiet hziena kellhom x'jaqsmu mal-apparat li kien proprjetà tal-intimat u ghalhekk kien qieghed jahdem hazin is-siggu*" (fol. 56). Qal li ta' dan ix-xoghol, is-socjeta rikorrenti ma hijiex titlob hlasijiet minghand l-intimat. Qeghda titlob il-hlas ghat-testijiet li hija ghamlet meta gie nstallat l-apparat tal-intimat.

3. **L-intimat,** msejjah mit-Tribunal sabiex jixhed dwar dak li qal Michael Marletta u cioe li ghalkemm is-*sales order* kienet inharget fuq VDS Limited – u dan skond Marletta fuq struzzjonijiet ta' l-intimat – l-affarijiet kienu jappartjenu lilu, cahad dan il-fatt u qal li huwa qatt ma ta dawn l-istruzzjonijiet lis-socjeta rikorrenti. Qal li kienet is-socjeta VDS Limited li xtrat dawn l-affarijiet u huwa qatt ma xtara xejn.

   B'referenza ghall-hlas tas-somma ta' €110 (fattura numru 6403 fol. 21), l-intimat qal li huwa ma jridx ihallas dan l-ammont l-ghaliex fuq s-*sales order* li hemm a fol. 30 tal-process "*... taht nett taghha hemm il-kliem 'free X ray transfer installation and QA test*" (fol. 57).

   B'referenza ghall-hlas tas-somma ta' €187 (fattura numru 6253 fol. 15) l-intimat qal li "*... din ukoll ma ghandix inhallasha u dan peress li din hija parti mill-installation illi hemm imsemmija a fol. 30 tal-process*" (fol. 58).

   Stqarr ukoll li huwa ghandu jaghti l-ammont ta' €70.44 (fattura numru 6395 fol. 18).

Biex juri li s-siggu ma huwiex proprjetà tieghu, iżda tas-socjeta VDS Limited, l-intimat qal li wara li kien iffirma l-ewwel ftehim ma din is-socjeta sabiex jibda juża kamra fil-klinika San Guzepp, huwa reggha iffirma ftehim iehor fejn beda jhallas kera ghola u dan sabiex jaghmel tajjeb ghal din il-kwistjoni tas-siggu.

In kontro-ezami, l-intimat qal li ghalkemm huwa kien hallas id-depositu tas-siggu in kwistjoni, dan l-ammont li kien hareg reggha gabru lura minghand is-socjeta VDS Limited. Qal li dan l-ammont huwa hadu "... *parti fi flus kontanti u parti fi hlas ta' kirjiet bil-quddiem*" (fol. 58).

Jaghlaq il-kontro-ezami tieghu billi jghid li "*Kif diġà ghidt wiehed mit-testijiet illi hemm jiena lest li nhallsu ta' sebghin ewro u fourty four cents (€70.44c). It-test l-iehor però jiena ma iniex lest li nhallsu l-ghaliex dak kien inkluż u fil-prezz tax-xiri tas-siggu u test iehor huwa dwar X Ray machine li ma ghandux x'jaqsam mas-siggu. Ghal dak l-ammont is-socjeta rikorrenti kienet offriet illi taghmilli x-xoghol b'xejn*" (fol. 58).

4. **Victor Fenech**, rappreżentant tas-socjeta VDS Limited, xehed fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2014. Huwa qal li l-imsemmija soċjetà topera l-klinika San Guzepp ġewwa n-Naxxar. L-intimat jikri kamra minn din il-klinika sabiex jeżerċita l-professjoni tieghu ta' dentist. Kompla jghid li wara xi żmien, l-intimat kien qallu li kellu xi problema. Qal li "... *sabiex ma nitilfux il-kirja jiena kont ghidtlu illi jekk kellu problema finanzjarja sabiex iġib is-siggu minn fejn kien il-ghaliex qabel kien jahdem allura jiena kont nara kif ser nista nghinu*" (fol. 54). Wara s-socjeta VDS Limited iddeċidiet sabiex thallas ghal dan is-siggu hi. Huwa gie mitlub sabiex jaghzel is-siggu u s-socjeta VDS Limited thallas hi ghalih. Id-depozitu ghax-xiri ta' dan is-siggu sar mill-intimat u l-kumplament thallas mis-socjeta rappreżentata mix-xhud. Ghar-rigward tat-testijiet li kellhom isiru, x-xhud qal li "... *ahna bhala kumpanija ma kellnix x'naqsmu maghhom. L-arrangament taghna kien illi ahna nixtru u nhallsu tas-siggu xejn aktar u xejn anqas. Il-kumplament tal-affarijiet jiehu hsiebhom hu*" (fol. 55).

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Mhux kontestat mill-intimat li huwa ghandu jhallas is-somma ta' €70.44c u din skond il-fattura bin-numru 6395 (a fol. 18). Ukoll skond *email* li intbaghtet mill-intimat u li ġiet esebita mir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti l-intimat jistqarr

li "... *there is no issue regarding invoice 6403* ..." (fol. 44). Din il-fattura bin-numru 6403 iggib id-data tat-30 ta' Jannar, 2012 u hija ghal ammont ta' €110. Sussegwentement waqt id-deposizzjoni tieghu, l-intimat stqarr li huwa ma jridx ihallas dan l-ammont l-ghaliex fuq s-*sales order* li hemm a fol. 30 tal-process "... *taht nett taghha hemm il-kliem 'free X ray transfer installation and QA test*" (fol. 57). Dwar dan, ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti qal li "... *dan huwa żball ġenwin da parti tas-segretarja tieghi*" (fol. 62). Ix-xhud kien qieghed jirreferi ghal *Quality Assurance Test*. Is-socjeta rikorrenti riedet iżżomm il-flus ghal dan it-*test* kif fil-fatt ghamlet meta harget il-fattura bin-numru 6403 (fol. 21). It-Tribunal ma ghandux ghalfejn ma jemminix lir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti meta huwa stqarr li dan kien żball tas-segretarja tieghu. Jidher ukoll mill-imsemmija *email* li anke l-intimat irrikonoxxa dan il-fatt u ghalhekk it-Tribunal qieghed isib li anke dan l-ammont ta' €110 huwa dovut mill-intimat.

6. Jifdal biss jiġi deċiż jekk l-intimat ghandux raġun biex ma jhallas il-fattura bin-numru 6253 li ġġib id-data tat-3 ta' Jannar, 2012 ghal ammont ta' €187. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Michael Marletta qal li l-intimat qed jikkontesta l-hlas ghal din il-fattura peress li skond hu "... *ahna kellna ftehim li kellna ngorrulu ahna l-affarijiet lejn il-clinic il-gdida tieghu*" (fol. 41). Ix-xhud żied ighid li "... *l-ftehim kellu jkun illi t-technician tal-intimat kellu jżarma l-istess affarijiet u jġorrhom hu ghal clinic tal-intimat ġewwa n-Naxxar*" (fol. 41). Kompla jispjega li t-*technician* inkarigat mill-intimat ma ghamilx dan ix-xoghol u ghalhekk l-istess intimat ippretenda li s-socjeta rikorrenti taghmel hi dan ix-xoghol. Peress li l-ghada tal-Milied l-intimat kellhu xi nies fil-*clinic* is-socjeta rikorrenti hadet hsieb li taghmel dan ix-xoghol bl-intendiment li hija tithallas ghal dak li ghamlet. L-intimat da parti tieghu jghid li huwa ma huwiex lest li jhallas l-ammont dovut skond din il-fattura " ... *u dan peress li din hija parti mill-installation illi hemm imsemmija a fol. 30 tal-process*" (fol. 58). L-intimat xehed u qal li dan is-siggu li inġarr lejn il-klinika San Guzepp ġewwa n-Naxxar kien jappartjeni lil VDS Limited u in sostenn ta' dan huwa harrek biex jixhed lil Victor Fenech, rappreżentant ta' l-imsemmija soċjetà VDS Limited li qal li l-intimat kien hallas id-depositu ghal dan is-siggu però l-kumplament tal-flus hallsuhom huma. It-Tribunal ma huwiex ser joqghod jidhol fil-kwistjoni ta' minn huwa dan is-siggu. Qieghed jikkunsidra biss li l-intimat kien talab lis-socjeta rikorrenti sabiex tinstalla dan is-siggu l-ghaliex l-ghada tal-Milied huwa kellu n-nies fil-klinika u ried li jkun installat. L-ordni ghall-installazzjoni ma ghamlitiex il-VDS Limited iżda l-intimat. Pero skond ma jirrizulta minn qari ta'

din il-fattura, l-ammont ta' €187 is-socjeta rikorrenti qeghda titolbu ghal *service call* li saru fl-20 u fit-22 ta' Dicembru 2011 u ghal installazzjoni ta' 32mm flexible pipe & acorn fittings. L-intimat jishaq li dan is-siggu kien ghadu taht garanzija. Fuq dan il-punt, ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti qal li li l-affarijiet li kellhom jitranġaw f'dan is-siggu trangaw u li "... *l-affarijiet hziena kellhom x'jaqsmu mal-apparat li kien proprjetà tal-intimat u ghalhekk kien qieghed jahdem hazin is-siggu*" (fol. 56). Qal li ta' dan ix-xoghol, is-socjeta rikorrenti ma hijiex titlob hlasijiet minghand l-intimat. Qeghda titlob il-hlas ghat-testijiet li hija ghamlet meta gie nstallat l-apparat tal-intimat. Kif diġà inghad, ġaladarba l-intimat kien inkariga lis-socjeta rikorrenti taghmel dawn it-testijiet, liema testijiet jirriżultaw li ma kellhomx x'jaqsmu mas-siggu li inxtara iżda ma xi apparat li huwa kien gab mieghu mill-klinika fejn kien iservi precedentement, allura huwa jehtieglu li jhallas ghal istess. Ghalhekk anke dan l-ammont ta' €187 huwa dovut mill-intimat lis-socjeta rikorrenti.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha mqanqla mill-intimat fir-risposta tieghu in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallasha s-somma ta' tlett mija tlieta u sebghin euro u erbgha u sittin ċenteżmu [€373.64c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data minn meta kienu dovuti skond il-fatturi rispettivi.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------